**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 23 ta' Ottubru, 2018

Rikors Nru : 266/18AL

**AB**

***vs***

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi l-partijiet żżewġu fl-14 ta' Dicembru 2001 u li minn dan iż-żwieġ twieldet tifla (data tat-twelid 1 ta' Settembru 2001).

Illi l-partijiet kienu infirdu legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Clinton Bellizzi ippubbikat fid-19 ta' Novembru 2007 (Kopja tal-kuntratt annessa u mmarkat Dokument 'A').

Illi l-avukat ta' l-esponenti ddiskutiet il-possibilta ta rikonciljazzjoni u forniet l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-għajnuna

fil-process ta' rikonciljazzjoni bejn il-miżżewġin. Madanakollu m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi  l-partijiet ikunu m'għexux flimkien mis-sena 2005 u ma hemm ebda prospett raġonevoli għal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi jikkonkoru il-kriterji kollha rikjesti mill-liġi għal-ħall taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijiet.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex lil din il-Qorti m'ghandhiex  :

1. Tiddikjara li ż-żwieġ  bejn il-partijiet hu maħlul u li l-partijiet huma divorzjati għal effetti kollha tal-liġi.
2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien prefiss mill-istess Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat, li permezz taghha ddikkjara :

1. Illi l-esponenti jikkonferma illi l-partijiet fil-kawza *de quo* ilhom separati *de jure* ghal aktar minn erba` snin u llum il-gurnata l-esponenti qieghed f'relazzjoni ohra li minnha twieldu zewgt' itfal;
2. Illi l-esponenti jikkonferma illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment bejn il-partijiet;
3. Illi l-esponenti jikkonferma li ma jezisti l-ebda prospett ragonevoli illi l-partijiet jirrikonciljaw;
4. Illi ghaldaqstant l-esponenti jaqbel mat-talbiet tal-attrici kif dedotti fir-rikors promotur, dment li kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dina l-procedura.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Gunju. 2018;

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa tar-rikorrenti Marie Antoinette Debono;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati minn Novembru, 2007 u ilhom ma jghixux flimkien mis-sena 2005;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Dr Abigail Lofaro
Imhallef

Rita Vella Baldacchino
Deputat Registratur